**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Lulju, 2018**

**Avviz nru: 344/2017 MLF**

**FM Core Condominium Administration Limited**

**vs**

**Carlo Trapani**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet lill-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kumplessiva ta' hamest' elef mitejn u sebghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€5,270.94) dovuti in kwantu lil:

(i) Condominium bl-isem Fort Cambridge West 3 (Dok. A) is-somma ta' hamest' elef u hmistax-il Euro u tmien centezmi (€5,015.08) rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet annwali tal-kondominju in konnessjoni mal-Appartament bin-Numru W3-1902 sitwat u formanti parti mill-Blokk maghruf bhala "Fort Cambridge Block West 3" li minn naha tieghu jifforma parti mill-izvilupp maghruf bhala "Fort

Cambridge" fi Triq Tigne', Sliema, u dan skond ma jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;

(ii) Condominium bl-isem Fort Cambridge Garage Complex (Dok. C) is-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin Euro u sitta u tmenin centezmu (€255.86) rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet annwali tal-kondominju in konnessjoni mal-Garaxx Numru -2/104 sitwat u formanti parti mill-kumpless ta' garaxxijiet maghruf bhala "Fort Cambridge Garage Complex", li minn naha tieghu jifforma parti mill-izvilupp maghruf bhala "Fort Cambridge" fi Triq Tigne', Sliema u dan skond ma jirrizulta mid-dokument gia anness bhala Dok. B;

Bl-ispejjez, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2018, il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma deherx u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2018 il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest' elef mitejn u sebghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€5,270.94), bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**